MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 536/2013

**Kenneth Abela K.I.549558(M)**

**vs.**

**Proviva Company Limited (C30374)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' elf ħames mija u sittin Ewro (€1560.00), dovuta għal servizzi ta' 'masseur' u servizzi simili oħrajn prestati mill-attur lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha stess u li s-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti li tħallas minkejja li ġiet interpellata biex tħallas.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elf ħames mija u sittin Ewro (€1560.00), bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Settembru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------